

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)***RAKKOMANDAZZJONI JET****IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tal-24 ta' Awwissu 2017****lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banco de Portugal****(BĊE/2017/24)**

(2017/C 292/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni kurrenti tal-Banco de Portugal, PricewaterhouseCoopers & Associados — Sociedade de Revisores Oficiais de Contas, Lda. intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja tal-2016. Għalhekk huwa meħtieġ li jinhatri awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2017.
- (3) Il-Banco de Portugal għażżeż lil Deloitte & Associados — Sociedade de Revisores Oficiais de Contas S.A. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2017 sa 2021,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat li Deloitte & Associados — Sociedade de Revisores Oficiais de Contas S.A. għandhom jinhatri bħala l-awdituri esterni tal-Banco de Portugal għas-snin finanzjarji 2017 to 2021.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-24 ta' Awwissu 2017.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI